Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**It-Tlieta 19 ta'Jannar 2021**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier (Hareg 18:55)
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

21.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

21.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-20 ittieħdu bħala moqrija.

Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 20.3.06
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

21.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 32:C-2021 dwar ilmenti li qed ssiru minħabba ġemgħat ta'nies jistennew quddiem l-uffiċju għar-refuġjati go Rue D'Argens u għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li għamlet kuntatt mad-direzzjoni dawn infurmaw li dan l-uffiċju se jagħlaq u jimxi għall post ieħor fil-ġimghat li ġejjien.

21.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Ċirkulari AKL 2020/135 dwar rigal b'imħabba-Milied għat-tfal kollha fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali L-Imsida kkontribwixxa għall din l- inizjattiva.

21.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 105:C-2021mic-Chairman Eżekuttiv tal-Ambjent Malta biex jistieden lill kull kunsill Lokali għall laqgħa ta'konsultazzjoni dwar proposti jew proġetti li jista' jkollhom.

**21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

21.4.01 B'referenza għall-minuti 20.3.06 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa preliminari mal-avukat biex jipproċedi bil-verifika ma'liġi għat-trasport marittimu u oħrajn fejn il-kunsill jkun jista' jipprovdi biex jimplimenta dawk il-miżuri xierqa jew penali li jħarsu l-interess tal-komunità , l-ambjent tal-post u jrażżnu l-abbużi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li is-sidien ta'dgħajjes ta'daqs aktar min dak permess mill Bye Law qed jibqgħu jitolbu biex itellgħu fuq l-Iskall minkejja li dawn kienu <ostaklu>ġew mitluba biex ma jkomplux jagħmlu hekk fis-sena preċedenti. Mizjuda:<ostaklu>

Il-kunsill reġa' konferma id-deċiżjoni kif stipulat fil-Bye Law.

21.4.02 B'referenza għall-minuti 20.4.01,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ħa ħsieb id-draft tal-ittra uffiċjali dwar ir-raġuni tal-posponiment u il-progress fuq ix-xogħol marbut mal-pedestall għall-monument.

21.4.03 B'referenza għall-minuti 20.4.02 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ġiet imqassma l-ittra uffiċjal lir-residenti ta'Triq Achille Ferris biex ikunu mgħarrfa li l-kunsill għadu qed jirsisti biex jkun jaf x'qed jiġri biex tkun solvuta s-sitwazzjoni .Fl'stess waqt il-kunsill reġa' talab li dawk interressati jew amministraturi fil-komun biex jieħdu ħsieb iħarsu l-interessi tagħhom.

21.4.04 B'referenza għall-minuti 20.4.04, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ġie mibdul l-apparat għall-arja kundizzjonata fil-bord room u l-uffiċju ta'Sindku.

21.4.05 B'referenza għall-minuti 20.4.05, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kalendarju 2021 ġie mqassam.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li dawn tqassmu go kull residenza fl-Imsida min servizz ta'għaqda lokali fejn pproponiet ħlas ta'€150 li kienet sekondata mis-Sur Maurice Agius.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

21.4.06 B'referenza għall-minuti 20.4.06 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kunsill bagħat email ieħor lill I.M dwar il-pjanċa fuq kulvert u b'dak li jista' jseħħ meta ma jkunx qed ilħaq mal-ilma go Triq il-Baċir.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar kemm ilha hekk u kemm se jdumu din is-Sitwazzjoni. Is-Segretarju wieġeb kien ikkupjat f'email li bagħat il-perit inkarigat mit-taqsima lill oħrajn biex jieħdu ħsieb.

21.4.07 B'referenza għall-minuti 20.4.07, dwar skema ta'fondi 6/2020 ,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ġiet approvata mir-Regjun Ċentru Il proposta u stima tal-kunsill għall 9 bradelli u bankuni inkluż il-forċina u lasta tal -fagu relatata mal-purċissjoni annwali b'tfal tal-iskola. Hawn kompla jispjega li għad trid ssir laqgħa mal-iskultur biex jiġi ffirmat il-ftehim ta'xiri bi-skeda ta' meta dawn rridu jkunu lesti.

21.4.08 B'referenza għall-minuti 20.4.08,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-planters li kien hemm go Triq D'Argen ġew żarmati.

21.4.09 B'referenza għall-minuti 20.4.11,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kunsill fetaħ mill-ġdid l-applikazzjoni għall sistema one way minn Triq Sant'Andrija l-isfel sa Triq Mons Innoċenz Zammit k/m Triq Dijonisju Famucelli li ġiet approvata min TM (22:C-2021).
Is-Sur Emanuel Brincat ppropona biex ix-xogħolijiet ssiru matul il-vakanzi tal-karnival u tintbagħat ittra lir-residenti u LESA biex jidderieġu.

21.4.10 B'referenza għall-minuti 20.4.13, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-ħlas ta'€150 għas-servizzi tal-attività għall-Milied b'San Nicola , slitta fuq karru u mużika ma'Toroq tal-Imsida li saret fit-23 ta'Diċembru.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament .

21.4.11 B'referenza għall-minuti 20.4.15 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-kompetizzjoni tal-iskola primarja għall disinn ta'kartolina b'tema tal-Imsida fejn spjegat li l-kunsill ra kull disinn. Għalhekk qed tipproponi biex flok jintgħażel wieħed biex jkun pubblikat , kull parteċipant jingħata ktieb bħala apprezzament.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li fil-mument hemm Fiera tal-kotba go Ta'Qali filwaqt li is-Sinjura Judy Sciberras ssuġġeriet activity books.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li kull parteċipant jingħata ktieb.

21.4.12 B'referenza għall-minuti 20.4.19,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-proposta biex Triq Censu Farrugia ssir one way ġiet mgħoddija għall -kummenti jew rakkomandazzjoni ta' TM.

21.4.13 B'referenza għall-minuti 20.4.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bozza go triq Dijonisju Fammucelli li għada ma saritx u staqsa x'qed ssir fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed jara x'jista' jagħmel u se jkompli jara mal-applikant.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li se jipprova jkellem uffiċjal minn l-Enemalta forsi jkun jista' jivverifika fuqha.

21.4.14 B'referenza għall-minuti 20.4.22,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Kunsill reġa' kiteb lill-Enemalta dwar bozza li ilha bil-ħsara go triq li twassal minn Wied l-Imsida għall Triq il-Ħarrub. Dawn wieġbu li huwa skedata biex ssiru tiswijiet neċessarji.

21.4.15 B'referenza għall-minuti 20.5.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li tqassmu numru ta'Covid kits kif deċiż mill-kunsill u li għad fadal ammont żgħir biex jitqassam.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar it-tqassim ta'maskri għall kull residenza fil-lokalita skond il-karta tal-identità.
Is-Sur Maurice Agius għadda dettalji ta'fejn u kemm tqassmu sanitizer pakk filwaqt li ġibed l-attenzjoni dwar x'qed jiġri meta x'wħud jiġu għall boroż bil-karta tal-identità tal-ġirien.

21.4.16 B'referenza għall-minuti 20.5.02, dwar nuqqas ta'dawl fuq in-naħa tal-iskola go Triq Victor Denaro. Is-Sindku għamlet kuntatt ma l-amministrazzjoni tal-iskola biex jekk hu possibbli l-fanali ma'dawra ta'ċint jerġa jkunu mixgħula. Il-kuntrattur inkarigat min din il-fażi tal-proġett ġie mgħoddi struzzjonijiet fejn iltaqa' mal-kuntrattur tal-kunsill biex jaraw jekk dan jistax ssir. Filwaqt li b'ftit xogħol dan hu possibbli sar magħruf li l-stess ċint irrid jinħatt fil-fażi li jmiss tal-proġett. Għalhekk il-kuntrattur tal-kunsill ssuġġerixxa li jkun aħjar jekk ssiru żewġt arbli temporanji b'lanterni doppji li kapaċi jagħtu dawl ma' tul tal-bankina. Sar ukoll rapport lill pulizija dwar ix-xorb alkoħoliku f'triq.

**21.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

21.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 28:C.2021 b'proposta għall bus stops ġewwa is-Swatar.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-kunsill ilu li talab laqgħa biex tkun diskussa ir-rotta tal-linja fis-Swatar u l-aħjar haġa li ssir huwa li l-kunsill jitlob laqgħa oħra biex mexxu dawn il-proposti wkoll.

21.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wasslet dettalji dwar l-Espressjoni ta'Interess Smart Solutions għall-Immaniġġjar tal-Iskart SPI.SCI.7/2020 liema applikazzjoni trid tintbagħat l-ewwel għand r-Regjun Ċentru biex dawn jkomplu imexxu. B'referenza għall minuti 12.5.03 u l-proposta numru 10 fil-programm ta' ħidma is-Sindku kompliet tispjega li l-kunsill jista' japplika għall fondi biex jinxtraw xi bins solari
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament biex il-kunsill jagħmel l-applikazzjoni bil-proposti tiegħu biex r-Regjun Ċentru imexxi.

21.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda SPI/SCI/01/2021 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta fejn tat id-dettalji tal-iskema. Hawn kompliet tispjega li minħabba l-sena preċedenti il-kunsill kien applika biex issir xogħol ta'restawr fuq l-Għajn tal-Ħasselin li minkejja li kienet eliġibbli din ma ġietx magħżula. Għalhekk qed tipproponi biex il-kunsill jaddatta skond il-kriterji ġodda u jerġa imexxi l-stess applikazzjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

21.5.04 B'referenza għall-minuti 14.4.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li filwaqt li kien hemm ġa suġġerimenti biex t'issemma Triq K/M ma' Triq il-Ħarrub qed titlob lill kunsilliera preżenti biex il-proposta ġa konsiderata tinbidel u it-triq tiġi msemmija għall Omm Sidna li skond il-leġenda hekk kien jissejjaħ il post qabel ma sar L-Imsida. Dan minħabba li l- Kumitat għat-Tismija ta'Toroq osserva kif hija maqsuma Triq Garcin u talab biex jinstab isem ieħor għal parti minnha. Għalhekk jagħmel sens li din t'issemma Triq l-Għajn tal-Ħasselin għax toħroġ faċċata tagħha.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

21.5.05 B'referenza għall-minuti 17.5.01,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-proġett tal-fly over fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li fil-mument kif jinsab għaddej il-proċess għall-approvazzjoni mill-PA u ħarġet is-sejħa għax-xogħolijiet kien hemm ġurnalisti li talbu għall kummenti tagħha fid-dawl li hemm xi NGO's li qed jopponu li dan ssir u jekk kienx hemm ilmenti mir-residenti. Hawn kompliet tispjega li qed jkun hemm interpretazzjonijiet differenti ta'kif din se tkun li qed jwasslu għall ħafna kummenti li mhux il-każ. F'seduti preċedenti kienu ġew diskussi l-affarijiet relatati ma dan il-proġett bħal xogħolijiet u rakkomandazzjonijiet oħra li saru lill IM. Għalhekk qagħdet lura milli tikkummenta sakemm tiddiskuti mal-kunsill kif għanda ssir il-komunikazzjoni mal-medja.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li fil-prinċipju jaqbel li hemm bżonn ssir xi haġa iżda jixtieq li jkun hemm spjegazzjoni konkreta kif b'dan il-proġett se jibbenefika il-lokal u staqsa jekk kienx hemm studju dwar l-emissjonijiet u x'impatt se jagħmel il-proġett. Hawn kompla jitkellem dwar il-kummenti tal-kamra tal-periti u dak li ġie propost għall Triq Sant Anna fil-Furjana.
Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar l-emissjonijiet u dwar il-pjanti finali proposti filwaqt li ra wkoll l-kummenti tal-kamra tal-periti fejn n-nota li dawn ma għamlux proposti konkreti għall proġett alternattiv biex tinstab soluzzjoni. Hawn spjega li dak li jista' jkun tajjeb għall Furjana fir-realtà ma jistax jkun għall Imsida minħabba il-livell tal-baħar. Ma dan żied jgħid li għalhekk f'seduta oħra kien talab lill kunsill biex jkun fil-bord tal-PA u min hemm jitħares l-interess tal-lokalita mhux biss meta ssir il-konsultazzjoni pubblika iżda anke biex bħala rappreżentant jikkonsulta mal-kunsill dwar dak li jkun diskuss fil-bord qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet finali.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew fuq il-punti msemmija u kien hemm qbil unanimu li għanda tkun iffurmata risposta waħda uffiċjali wara li din tkun mgħoddija bejn il-kunsilliera.

21.5.06 B'referenza għall minuti 15.4.21 , dwar għall-proġett Spinning Photos imnedija minn fondi tar- Regjun Ċentru , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar it-totem stand li ġie installat b'mod temporanju għall tmien ġimghat biex jippromwovi it-360' website tar-Regjun Centrali fejn il knisja parrokkjali tal-Imsida qed tkun esibita b'mod virtwali. Hawn spjegat wkoll kif il-Kunsill jista' jagħmel l-stess biex iwassal materjal li juri dak li qed ssir fil-lokalita u informazzjoni oħra.

Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk dan jistax jkun hemm wkoll materjal promozzjonali fejn il-kunsill jkun jista' jkollu sors ta'fondi oħra.
Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar drabi meta il-kunsill ddiskuta pjanti jew biex jagħżel xi disinn ppropona biex anke fil-board room jkun hemm monitor biex jintuża għall waqt laqgħat u preżentazzjoni f'xi attività oħra bħal jum l-Imsida.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li dawn huma ġa maħsuba fil-pjan ta'ħidma filwaqt li dwar dħul kif deskritt il kunsill l-ewwel rrid jagħmel Bye Law.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li jinxtraw żewġt monitor għall intrata u l-board room.

21.5.07 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-possibilità biex ssir karru żgħir tal-karnival b'skop li jdur ma'toroq tal-Imsida

21.5.08 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar isem Triq Zakkew li għada mil- antiki ta'żebgħa li sfumat. Hawn staqsa biex ssir waħda taċ-ċaqquf imma l-antika tibqa tidher.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

21.5.09 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar bżonn ta' refreshing go toroq arterjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

21.5.10 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar mutur żarmat u abbandunat go Triq Zamenhof.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

21.5.11 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar individwu li ġie b'tow truck u telaq karozza bl-avviż għal żgumbrar tal-pulizija miegħu go triq Indrì Grima u talab biex il-kunsill jara x'jrid ssir biex jibda jagħmel it-towing ta'vetturi abbandunati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

21.5.12 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar l-l Bins u spjegat li dawn jintlew ħażin għax l-skart go fihom jintefa fuq naħa biss <ghax jehel mal-hadida>. Għalhekk staqsiet jekk jistax jkun hemm l-stess fuq in-naħa l-oħra biex il-materjal jinfirex aħjar.

Mizjuda:<ghax jehel mal-hadida>

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

21.5.13 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet biex jiġu rranġati n-numri tal-bibien minħabba konfuzjoni ta'numri li hemm.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dan il-proċess ġa għaddej.

21.5.14 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jistax ssir bus xelter fl-stage ta'Rue D'Argen fejn hemm id-daħla.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fid-daħla ma jistax ssir għax privat.

21.5.15 B'referenza għal Skema finanzjarja 8 / 2020 ta' fondi sa massimu ta'€2,000 mir-Regjun Centrali bħala għajnuna lill-għaqdiet lokali , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ħames applikazzjonijiet li wieġbu għas-sejħa u pproponiet biex kull għaqda tibbenifika kif deskritt.

Msida pigeon Club €570
Għaqda armar San Guzepp €700
Melita Banda San Guzepp €243.34
Msida Football nursery €243.33
Msida Football Club €243.33
Il-kunsilliera prezenti diskutew u sitt kunsilliera qablu mal-proposta ssekondata mis-Sur Maurice Agius.

21.5.16 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai tkelmet u talbet biex bhal kull sena il-kunsill jikunsidra dwar xiri ta'kotba ghal librerija publika.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament biex jinxtraw kotba għal librerija pubblika sa massimu ta'€300.

**21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

21.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tal- 4th Qtr : Financial indicators, u l- un audited financial report għas- sena 2020.
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante spjegat fid-dettal ir-rapport fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li minkejja is-sitwazzjoni tal-Covid 19 , l-effett fuq id-dħul kien minimu fejn is-sena għalqet b'bilanċ finanzjarju pożittiv. Dan jippermetti wkoll biex il-kunsill jekk rrid jista' jikkunsidra il-possibilità li jifdi l-ammonti ta' €55,000 li fadal fuq self mill-bank u jiffranka l-interessi. Hawn kompliet billi wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew fejn approvaw unanimament ir-rapport u rakkomandazzjonijiet li jekk jkun possibbli il-kunsill jifdi is-self tal-bank .

21.6.02 B'referenza għal-minuti 20.3.01, dwar L-allokazzjoni finanzjarja 2021 li tammonta €682,826 u 20.6.01 dwar il-laqgħa pubblika għal proposti tal-ħidma u baġit għas-sena 2021, Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda id-dokument tal-Estimi Finanzjarji biex jiġu approvati fejn ġie spjegat fid-dettal flimkien mal-L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante.

Il-Kunsilliera preżenti unanimament approvaw id-dokument.

21.6.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ir-rapport u rakkomandazzjoni ta'Segretarju Eżekuttiv għall- Performance Bonus tal-impjegati amministrattivi għas-sena 2020 biex ikunu kunsidrati u approvati.

Is-Sur Emanuel Brincat ppropona il-Performance Bonus tal-erba' impjegati amministrattivi jingħata il-massimu ta' 6% u kien sekondat mis-sur Alfred Farrugia. Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw

21.6.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il- mejda rakkomandazzjoni u pproponiet 10% għall- Performance Bonus ta'Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Maurice Agius s-sekonda. Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw il-Performance Bonus massimu ta'10%.

21.6.05 B'referenza għall-minuti 12.4.19 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm żewġt offerti għat-tieni sejħa ta'tender KLMsd/03/2020 '' Supply and installation of lighting poles and lanterns in Misraħ San Guzepp''.Fejn poġġa fuq il-mejda u spjega ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall evalwazzjoni ta'sejħiet pubbliċi biex il-kunsill japprova l-offerta min tnejn li tissodisfa il-kriterji tekniċi kollha mitluba.

l-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall-evalwazzjoni ta'sejħiet pubbliċi

**21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

21.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-21 ta' ħlasijiet bejn is-16 ta'Diċembru 2020 sa 19 ta'Jannar 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Sur Jean Claude Borg.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**21.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

21.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:52 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 23 ta'Frar 2021.

Minuti konfermati, illum 23 ta'Frar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |